Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 101/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Billi fl-14 ta’ Awissu 2004 sehh incident awtomobilistiku f’ Ghajnsielem bejn il-vettura CAG 103 propjeta tal-attur u l-vettura FBM 694 misjuqa mill-konvenut.

Billi ghal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien unikament responsabbli l-konvenut minhabba imprudenza u traskuragni.

Billi d-danni relattivi ammontaw ghal Lm1019.

Ghalhekk jghid il-konvenut ghaliex dan l-Onor. Tribunal m’ghandux jikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta’ Lm1019 bhala danni minnu soffertifl-imsemmi incident.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta;’ ittra ufficjali presentata illum stess kontra l-assikurat tal-konvenut.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut:

Jeccepixxi bil-qima:-

1. Illi t-talbiet atturi huma totalment infundati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-incident meritu ta’ din il-kawza sehh unikament tort ta’ sewqan traskurat, nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn-naha ta’ iben l-attur u cioe’ Neil West kif ukoll minhabba l-fatt illi l-istess Neil West naqas milli jzomm *a proper lookout* u ghalhekk l-istess Neil West huwa unikament responsabbli ghall-incident;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont kif pretiz mill-attrici huwa wiehed esagerat

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tas-sebgha u ghoxrin (27) t’Awwissu, 2004 u tal-hamsa (5) ta’ Novembru, elfejn u erbgha (2004).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti msejjha.”

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Il-habta sehhet fi Triq l-Imgarr, Ghawdex, li hija triq arterjali ewlenija ta’ din il-gzira.

Illi l-verzjoni tal-attur hi li waqt li Neil West kien qieghed isuq il-vettura tieghu kien gej mid-direzzjoni ta’ Victoria Ghawdex u sejjer lejn il-port tal-Imgarr il-konvenut hareg b’lura min-naha l-ohra tat-triq, imblukkalu l-karreggjata u ghalkemm West ipprova jevita l-incident billi gibed lejn ix-xellug, sehhet il-habta.

Illi l-konvenut jghid li kien gej mid-direzzjoni ta’ Victoria, Ghawdex u x’hin wasal quddiem id-dar tieghu li tinstab fi Triq l-Imgarr xeghel l-indicator biex imur jipparkja fuq is-service street li hemm fuq in-naha l-ohra tat-triq, u cioe’ fuq in-naha tal-lemin tieghu meta safa investit mill-vettura tal-attur.  .

Rinfaccjat b’dawn iz-zewg verzjonijiet, it-Tribunal irid jara jekk hemmx xi wahda minnhom li hija iktar verosimili mill-ohra.

Ma hemmx dubbju li Neil West kien qieghed isuq b’velocita’ eccessiva.  li kienet gejja bi speed qawwi.  Dan mhux biss stqarru l-konvenut anke *a tempo vergine* imma jammettih West stess li fid-deposizzjoni tieghu stqarr  li kien ghaddej b’velocita’ ta’ cirka 70 kilometru fis-siegha.  Dan meta l-limitu massimu ta’ velocita’ fl-inhawi fejn sehh l-incident li huwa *built-up area* huwa ta’ hamsin kilometru fis-siegha. *Vergine.*  Li speed qawwi huwa evidenzjat ukoll mir-res gestae, ghax  bl-impatt il-vettura tal-konvenut, li dak il-hin kienet  f’posizzjoni diagonali iddawwret u giet fil-karreggjata l-ohra thares fid-direzzjoni ta’ Victoria, u l-hsara fil-vettura kienet wahda pjuttost estensiva.

West halla tyre-mark wahda, fuq in-naha xellugija tal-vettura minnu misjuqa, twila 56 metru.  Brake-mark ta’ dan it-tul normalment ifisser li l-vettura tkun miexja bl-94 kilometru fis-siegha u cioe’ sahansitra izjed mill-velocita ammessa minn West..  huwa minnu li wiehed ma jistax jiddeduci li  West kien tabilhaqq ghaddej b’din il-velocita mit-tyre mark li halla warajh ghax brake-mark wahda tindika li ma kellux brejkijiet efficjenti, tant li rabtet biss ir-rota ta’ quddiem xellugija, u allura l-velocita’ setghet kienet inqas; izda min-naha l-ohra  it-tul tat-tyre-marks seta’ kien sahansitra itwal li kieku l-iter tal-vettura misjuqa minn West ma tnemmx hesrem  mill-vettura tal-konvenut li xorbot l-impatt hi tant li daret  kif fuq spjegat.  Il-vettura tal-attur ma kelliex  ABS u dan kompla jzid mal-inefficjenza tal-*braking* taghha.  Jekk tabilhaqq il-marka tat-tyre ghall-ewwel kienet faint hafna imbaghad skurat, kif jallega

West, dan ma jfissirx li l-ewwel ghafas il-brejk hafif, imbaghad ghafsu iktar, imma haga normali: *deceleration or skid marks are made up of three phases. They start out light on the road service, darken as the tires get hotter, and usually end abruptly.*[1] Jirrizulta minn dawn il-fatturi li West tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u ma setax jieqaf tempestivament.

Skond ma jghid l-istess West (fol 24) l-ewwel darba li ra lill-konvenut, dan kien diga hareg mis-service street tant li kien qieghed fuq in-naha leminija tat-triq, u l-konvenut, dejjem skond West, kien qieghed jirriversja bil-mod, u ghal mument waqaf flok baqa sejjer. Dan kollu jindika li l-attur ma kellux ghalfejn jinhasad daqstant mill-manuvra tal-konvenut, ghax kienet qieghda ssir bil-mod, u mhux abruptament.

Min-naha l-ohra, l-konvenut kif ukoll martu jsostnu li huma kienu ghadhom kif gejjin minghand it-Tabib taghhom fix-Xewkija u fil-fatt ipprezentaw certifikat (Dok FX-1 a fol 28) in sostenn ta' dan. Il-konvenut jghid li waqaf fil-karreggjata tax-xellug quddiem id-dar tieghu biex tinsel martu u mbaghad imur jipparkja fis-service street fuq il-lemin. F'din il-verzjoni huwa jinstab ikkorroborat minn martu. It-Tribunal jemmen din il-verzjoni moghtija mill-konvenut u minn martu, liema verzjoni l-attur ma rnexxilux iwaqqa' in kontro-ezami.

**Il-quatum tad-danni jidher li gie sufficjentement ippruvat.**

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-kollizjoni sehhet unikament tort tas-sewqan eccessiv ta' Neil West li minhabba f'hekk u anke probabilment minhabba nuqqas ta' sistema effettiva ta' brejkijiet tilef il-kontroll tal-vettura tieghu u ma setax jieqaf tempestivament u konsegwentement jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

---

[1] *Vehicular Accident Investigation and Reconstruction,* Donald J Van Kirk 2001.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------